MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Numru. 573/2003

**Il-Pulizija**

**(Spt. Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Anthony Bezzina**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Anthony Bezzina, detentur tal-karta tal-identita' numru 655852M:

Akkuzat talli:

a. Bejn l-1 u t-12 ta' Mejju 2003, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intaprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' LM580.00 ghad-dannu ta' l-istabiliment Ray's Jewellers u ta' Raymond Lanzon, u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli bejn l-1 u l-11 t'April 2003, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' LM418.50 ghad-dannu ta' l-istabiliment S. Rausi Trading Ltd, u ta' Stephen Rausi, u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. U aktar talli bejn l-1 u l-15 ta' Mejju 2003, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' LM200.00 ghad-dannu ta' l-istabiliment Dolce Freschi, u ta' Joseph Micallef, u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli bejn l-1 u t-18 ta' Mejju 2003, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' LM180.00 ghad-dannu ta' l-istabiliment Lorry Farrugia Wines & Spirits, u ta' Lawrence Farrugia, u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. U aktar talli, fl-istess data, lok u hin, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li kien, indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti gejjin mir-reat ta' serq, u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U b'hekk Anthony Bezzina, sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell datati 16 ta' Lulju 1992 u 2 ta' Frar 1996, u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 16 ta' Settembru 1999, 21 ta' Frar 2000 u 16 ta' Lulju 2001, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigi mibdula;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tat-3 t'Ottubru 2005 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm msemmi fl-artikoli 18, 308, 309, 310, 334, 45, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 t'April 2007 fejn hemm registrat illi l-imputat ma ghandu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu ikun trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghat il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu wara li l-Pulizija kienu ircevew rapporti minghand terzi illi kienu bieghu oggetti lill-istess imputat u li dan hallas ghalihom permezz ta' *cheques* li izda ma kienux onorati wara li pprezentawhom ghall-hlas. Il-persuni allegatament milquta minn dan l-operat kienu erbgha u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-fatti dwar kull rapport minnhom lill-pulizija;

Stephen Rausi, dirigent tas-socjeta' S. Rausi Trading Ltd xehed illi l-imputat kien xtara merci minghand din is-socjeta' f'zewg okkazjonijiet u f'kull wahda minnhom hallas permezz ta' *cheque*, wiehed datat 10 t'April fl-ammont ta' Lm234.50 u l-iehor 11 t'April 2003 fl-ammont ta' Lm334.00. Meta dawn ic-*cheques* kienu prezentati ghal-hlas, l-Bank paganti informah illi ma kienx hemm flus fil-kont u wara li kellem lill-imputat dan hallsu Lm150 minn dak minnu dovut;

Lawrence Farrugia, importatur tal-imbejjed u xorb taht isem id-ditta Lorry Farrugia Wines and Spirits, xehed illi l-imputat kien xtara minghandu prodotti fl-ammont ta' Lm300 u hallsu in parti bi flus kontanti u in parti permezz ta' *cheque* bil-preavviz li ghandu jipprezenta l-istess ghall-hlas fi zmien gimghatejn. Dan kien *cheque* mahrug favur l-imputat li da parti tieghu iffirmah fuq il-wara tieghu sabiex jaggirah favur l-istess Lawrence Farrugia. Jemergi illi c-*cheque* ma kienx tal-imputat izda ta' certu Emanuel Aquilina mahrug favur l-imputat u meta dan ma ssarrafx mill-bank paganti,

u ghamel kuntatt mal-istess Emanuel Aquilina dan l-ahhar staqsieh jekk hu ukoll kellux *cheque* ta' Anthony Bezzina. L-istess Bezzina weghdu kemm il-darba li kien ser ihallas izda dan baqa' ma skontax id-debitu tieghu minkejja diversi skuzi bhal li kellu l-mara marida u li qieghed fl-inkwiet. Dan ic-*cheque* igib id-data tat-18 ta' Marzu 2003 ezebit a fol 66 tal-process. B'rabta ma' dan ic-*cheque* Emanuel Aquilina xehed li fis-7 ta' Jannar 2003 kienu insterqulu zewg *cheque books* vojta mill-vettura tieghu. Ic-*cheque* esebit a fol. 66 huwa wiehed minn dawk misruqa izda l-firma mhix tieghu u anqas ma kitbu hu. Il-prosekuzzjoni esebiet a fol 26 (Dok AB1) r-rapport maghmul minn Emmanuel Aquilina fis-7 ta' Jannar 2003 lill-Pulizija rigwardanti *cheque* books u apparat ta' Hi-Fi misruqa mill-vettura tieghu u hsarat fl-istess vettura

Raymond Lanzon xehed illi huwa jiggestixxi n-negozju bl-isem ta' Ray's Jewellery li kien biegh lill-imputat gizirana u brazuletta fl-ammont ta' Lm580 u li ghalihom kien hallas b'*cheque* li meta pprezentah ghal hlas kien mgharraf li ma jissarrafx;

Joseph Micallef, msemmi fl-akkuza bhala vittma iehor tal-allegati maniggi tal-imputat, baqa' ma xehedx f'din il-kawza izda dwar dan xehed l-Ispettur Ian J. Abdilla meta spjega l-kors tal-indagini tieghu li wasslu biex iressaq lill-imputat quddiem din il-Qorti. L-Ispettur Abdilla ddikjara li kien ircieva, fost ohrajn, rapport minghand Joseph Micallef li jiggestixxi n-negozju bl-isem ta' Dolce Freschi li wara li Anthony Bezzina kien hallsu b'*cheque* ta' Lm200 ghall-ammont ta' xorb li xtara minghandu dan ic-*cheque* ma ssarrafx mill-bank paganti li infurmah li l-kont tas-Sur Bezzina kien maghluq.

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll bhala xhud, rapprezentanta tal-Bank of Valletta li kkonfermat illi c-*cheques* kollha esebiti mahruga minn Anthony Bezzina huma mic-*cheque book* tal-kont bankarju tieghu li infetah fit-18 ta' Dicembru 1996 u inghalaq b'ordni tal-bank stess fis-16 t'April 2003 wara rapporti li dawn kienu qed ikunu *referred to drawer*. Il-bank kien informa lill-imputat b'din l-ordni u intalab jirritorna c-*cheque book* izda dan qatt ma kien hekk ritornat. Jemergi mid-deposizzjoni ta' din

ix-xhud illi l-kont infetah bl-ammont ta’ Lm40 u inghalaq bl-istess ammont u li dan qatt ma kellu ammont in eccess ta’ Lm 40 fih;

L-prosekuzzjoni esebiet is-segwenti sentenzi moghtija mill-Qrati fil-konfront tal-imputat: Il-Pulizija (Spt Kevin Ellul Bonici) vs Anthony Bezzina 16 ta’ Lulju 1992, Qorti tal-Appell Kriminali li kkonfermat is-sentenza tas-26 ta’ Marzu 1992 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati li kkundannat lill-imputat ghal-piena karcerarja ta’ sentejn; Il-Pulizija (Spt Paul Bond) vs Anthony Bezzina 2 ta’ Frar 1996, Qorti tal-Appell Kriminali li kkonfermat is-sentenza tal-14 ta’ Jannar 1995 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati li kkundannat lill-imputat ghal-multa ta’ Lm200; Il-Pulizija (Spt Anthony Cassar u Spt Paul Bond) vs Anthony Bezzina tas-16 ta’ Lulju 2001 mill-Qorti tal-Magistrati li kkundannatu ghal-hlas ta’ multa ta’ Lm300 u Il-Pulizija vs Anthony Bezzina moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (*Traffic Sitting*) tal-21 ta’ Frar 2000 kundannat ghal hlas ta’ multa ta’ Lm30;

L-imputat, ghad li ma kellux obbligu li jixhed, ghamel dan wara diversi talbiet ghal-differiment sabiex jissalda d-debiti tieghu. Huwa ddikjara illi f’dak iz-zmien kien jahdem bil-barriera tal-gebel u c-cekkijiet in kwistjoni kienu inghataw lilu bi hlas u kien aggirhom fuq terzi izda baqghu ma ssarrfux. Huwa spjega illi tnejn mic-cekkijiet inghataw lilu in bjank hlief ghal-firma ta’ min harighom u d-data u hu kien jimla’ l-isem tal-persuna li kellha tithallas. Mill-ammonti kollha qal li ghad fadallu jhallas lill-Ray Jewellers is-somma ta’ Lm580, l-ammont dovut lill-Rausi Trading bl-eccezzjoni ta’ Lm200 gia mhallsa. Jghid ukoll illi hallas is-somma ta’ Lm100 li fir-rigward ta’ Dolce Freschi “hemm ingann ta’ Lm180” u li gia radd lura Lm100 li allura jhalli bilanc ta’ Lm80. F’din l-okkazzjoni li xehed l-imputat, allura fl-assenza tal-Ispettur prosekutur Ian J Abilla ghaliex ma deherx ghall-kawza, huwa ddikjara li meta kien arrestat kellu fuq il-persuna tieghu is-somma ta’ Lm1000 li minnhom kien ta Lm150 lil wiehed pulizija li ma jafx x’jismu li kien infurmah li missieru jahdem ma’ Rausi Trading sabiex ihallsu ta’ dak li kellu itih. Wara li l-Qorti wissiet lill-imputat bl-allegazzjonijiet serji li kien qed jaghmel huwa baqa’ jsostni l-istess kif ukoll illi c-

cekkijiet baqghu ma ssarfux minhabba li ma kienx lahaq ghamel d-depoziti fil-kont bankarju tieghu;

Ezamintati dawn il-fatti, il-Qorti hi tal-fehma illi l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa pruvat ‘l hinn minn kull dubju. Kull vittma tal-maniggi tal-imputat wera b’certezza li kien ingannat meta partat il-merci tieghu mac-*cheque* fl-ammont mibjugh bil-konsegwenza li c-*cheque* baqa’ ma ssarrafx. Il-Qorti rat kif l-imputat kiteb ukoll zewg *cheques* bhala hlas f’data meta dawk ic-*cheques* kienu rrapurtati misruqa u dan ghad-dannu tal-vittma li ukoll skambja il-merci tieghu mal-istess *cheque* bl-intiza li jithallas ghas-servizz li ppresta. Kontra dawn il-fatti assodati, l-imputat ghazel illi jixhed izda d-deposizzjoni tieghu uriet biss li anke quddiem il-Qorti, bil-gurament azzarda jdawwar u jimmanipula finzjonijiet sabiex jittanta jiskolpa ruhu, liema tentattiv bl-ebda gbid tal-immaginazzjoni ma jista’ qatt jirnexxi.

Illi ghalhekk stante li l-akkuzi jirrizultaw pruvati, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta’ kull wahda minnhom;

Wara li rat l-artikoli 18, 308, 309, 310, 334, 45, 50 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Qed tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------